## ***FEJN MIET SAN GUZEPP?***

Filwaqt li San Guzepp huwa wiehed mill-aktar figuri importanti tal-Kristjanezmu, ftit hu maghruf dwar hajtu u mewtu.

San Guzepp huwa maghruf hafna bhala l-qaddis patrun ta' " mewt hienja ," imma nafu fejn miet?

Il-Bibbja ma tantx taghtina informazzjoni dwar San Guzepp, apparti ftit versi li jispjegaw x'ghamel fil-bidu tat-tfulija ta' Gesù.

Wara t-tfulija ta' Gesù, mhux cert x'gara lil San Guzepp, jew id-data preciza meta miet.

**Post tal-mewt ta' San Guzepp**

Hafna mill-istudjuzi jemmnu li San Guzepp miet qabel il-ministeru pubbliku ta' Gesù, peress li hu nieqes mill-grajjiet kollha li jsehhu matul l-ahhar tliet snin tal-hajja ta' Gesù fuq l-art.

B'dan f'mohhna, hafna mill-istudjuzi jindikaw Nazaret bhala l-lok tal-mewt ta' San Guzepp.

Filwaqt li l-post preciz mhuwiex maghruf, tezisti knisja f'Nazaret iddedikata lil San Guzepp.

Il-Frangiskani fl-Art Imqaddsa jiddeskrivu t-tradizzjonijiet lokali ta' Nazaret fuq il-websajt taghhom :

*Fis-seklu 17, Patri Francesco Quaresmi jiddeskrivi post "li n-nies tal-lokal isejhulu Dar Guzeppi u l-Hanut tax-Xoghol Tieghu fejn, ghal xi zmien, kien hemm knisja sabiha ddedikata lil San Guzepp."*



IL-KNISJA TAL-LUM TA' SAN GUZEPP GEWWA NAZARET

Ghalkemm dan il-lok gheb, floku mbena’ Santwarju iehor msejjah  il-Knisja tan-Nutrizzjoni ghax Gesù ghex u trabba hawn sakemm sar adult, u tghallem is-sengha ta’ missieru.

Iktar minn hekk, “L-Istorja ta' Guzeppi l-Mastrudaxxa' apokrifa tirrakkonta l-mewt u d-difna ta' il-missier putativ ta' Gesù, u tiddeskrivi kif Gesù nnifsu ghen u ferah fil-mument li ghadda minn din il-hajja. “

Dan kollu jpoggi l-mewt ta’ San Guzepp fid-dar tal-familja f’Nazaret, u possibilment f’idejn il-Vergni Mqaddsa Marija u binhom, Gesù.

Gismu ma jinsabx f’xi qabar partikolari, ghalkemm hemm xi tradizzjonijiet li jghidu li kien “assunt” fis-Sema, simili ghall-Vergni Mqaddsa Marija.

Huwa difficli li wiehed jindika jekk dan fil-fatt garax jew le, izda hafna qaddisin isostnu li huwa minnu.

Il-knisja ma issemmi u tikkonferma xejn dwar dak li jsostnu certi qaddisin.

IL-KNISJA TA' SAN GUZEPP MINN GEWWA:










HIC ERAT SUBDITUS ILLIS

